Il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2023

Illum kienet ġurnata speċjali. Qomt ferħana għax l-għalliema qaltilna li kien se jkollna sorpriża. Ikteb x'seħħ matul il-ġurnata fid-djarju tiegħek. Ikteb madwar 70 kelma.

24 – 03 – 2023

It-tmienja ta' filgħaxija

Għażiż Djarju,

Illum qomt niġri mis-sodda għax ftakart li l-għalliema kienet qaltilna li kien se jkollna sorpriża. Wara li ħsilt wiċċi u lbist l-uniformi tlaqt niġri lejn l-iskola.

Kont tal-ewwel wara l-bieb tal-iskola. Biss ma domtx nistenna u tlaqt b'kemm għandi għal ġol-klassi. Malli wasal kulħadd l-għalliema idderiġitna fuq.

Sibna s-sala mimlija kuluri u b'mużika ta' kull żmien għaddejja. Kien se jkollna kompetizzjoni taż-żfin!!!

Kemm dħaqna u xxalajna l-aktar meta l-għalliema kollha tar-raba' sena telgħu fuq l-istage jiżfnu.

Din il-ġurnata se tibqa' ittimbrata ġo moħħi għal dejjem.

LIVEWORKSHEETS

Il-lejl it-tajjeb.

Joanne

LIVEWORKSHEETS